IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.6.2023
COM(2023) 324 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill

dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi

{SEC(2023) 243 final} - {SWD(2023) 215 final} - {SWD(2023) 216 final} -
{SWD(2023) 217 final}

ANNESS I

ĊERTIFIKAT DIĠITALI TA' RESIDENZA TAT-TAXXA KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 4

Rekwiżiti tekniċi

1. Iċ-ċertifikat diġitali ta' residenza tat-taxxa għandu:
   - jinħareġ b'siġill elettroniku f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1];
   - joffri l-possibbiltà li jiġi ppreżentat f'format li jista' jinqara kemm mill-bniedem kif ukoll minn magna b'dokumenti PDF jew formati oħra simili li jistgħu jintużaw fis-sistemi awtomatizzati;
   - ikun jista' jiġi stampat;
   - ikun fih kaxxa tat-test vojta biex tiddaħħal l-informazzjoni skont l-Artikolu 4(g).

2. Jekk ir-rekwiżiti tekniċi jiġu ssodisfati fl-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu proċess ta' verifika permezz ta' kredenzjali verifikabbli.

Il-Kumitat għandu jappoġġa lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni taċ-ċertifikat diġitali ta' residenza tat-taxxa mill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kumitat jista' jipprovdi appoġġ tekniku fir-rigward ta' bidliet possibbli ta' bażi teknika taċ-ċertifikat diġitali ta' residenza tat-taxxa jew żviluppi tekniċi ġodda.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)

ANNESS II

RAPPORTAR KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLI 9 u 15

L-intermedjarji finanzjarji ċċertifikati għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja fil-format xml korrispondenti:

Tip ta' informazzjoni	Speċifikazzjoni
A. Informazzjoni dwar il-persuna li qed tipprovdi l-informazzjoni	
Isem l-intermedjarju finanzjarju	
EUID, Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) jew alternattiva	
Indirizz uffiċjali	
Data rilevanti oħra	Numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa u indirizz tal-email
B. Informazzjoni dwar ir-riċevitur tal-pagament tad-dividend jew tal-imgħax	
Identifikazzjoni tal-intermedjarju finanzjarju jew tal-kontribwent finali li jirċievi l-pagament tad-dividend jew tal-imgħax	
i. Persuna fiżika	Isem, TIN, data tat-twelid, indirizz
ii. Persuna ġuridika	Isem, LEI, TIN, indirizz, EUID
Numru tal-kont tal-investiment	Numru tal-kont ta' kustodja li l-intermedjarju finanzjarju/kontribwent li jirċievi l-pagament iżomm it-titoli fih
C. Informazzjoni dwar min iħallas il-pagament tad-dividend jew tal-imgħax	
Identifikazzjoni tal-intermedjarju finanzjarju li r-rapportatur jirċievi l-pagament tad-dividend jew tal-imgħax mingħandu	
i. Persuna fiżika	Isem, TIN, data tat-twelid, indirizz
ii. Persuna ġuridika	Isem, LEI, TIN, indirizz, EUID
Numru tal-kont tal-investiment	Numru tal-kont ta' kustodja li l-intermedjarju finanzjarju/kontribwent li jirċievi l-pagament iżomm it-titoli fih

B. Informazzjoni dwar il-pagament tad-dividend jew tal-imgħax	
Emittent	Isem, LEI jew TIN jew EUID, indirizz uffiċjali
Numru ISIN	Identifikazzjoni tal-emittent u t-titolu
Tip ta' Titolu	Dividendi fi flus kontanti, dividendi *in natura*, dividendi mħalltin *in natura* u flus kontanti u imgħax
COAF (Identifikatur Uffiċjali tal-Avveniment ta' Azzjoni Korporattiva)	Identifikazzjoni tal-avveniment (distribuzzjoni tad-dividendi/imgħax)
Dati rilevanti	Data tal-*ex* dividend, data tar-reġistrazzjoni, data tas-saldu (jekk ikun diġà sar inkella ħalli nota jekk dan għadu mhux il-każ), data tal-pagament, data tal-kupun
L-ammont ta' dividend jew imgħax riċevut/li għandu jiġi riċevut u l-munita	Ammont gross, ammont nett, Rata ta' Taxxa f'Ras il-Għajn applikata jew li għandha tiġi applikata, ammont miżmum
Numru tal-kont tal-flus	Numru tal-kont li fih ġie trasferit il-pagament
E. Informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri kontra l-abbuż	
Informazzjoni dwar il-perjodu ta' żamma tal-ishma sottostanti nnegozjati pubblikament	Żewġ kaxxi: 1) għall-ishma sottostanti akkwistati jumejn jew aktar qabel id-data tal-*ex* dividend – numru ta' ishma 2) għall-ishma sottostanti akkwistati f'perjodu ta' jumejn qabel id-data tal-*ex* dividend – numru ta' ishma (F'każ ta' pożizzjonijiet ta' negozjar regolari, għandu jintuża l-prinċipju "FIFO" fejn joħroġ li daħal l-ewwel)
Informazzjoni dwar l-arranġament finanzjarju	Agħti prova ta' kwalunkwe arranġament finanzjarju li jinvolvi l-ishma sottostanti nnegozjati pubblikament li ma ġewx saldati, skaduti jew itterminati b'xi mod ieħor fid-data tal-*ex* dividend